MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2003

Numru. 55/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**
**- vs -**
**Terry Joseph Camenzuli bin Laurence u Joyce nee Portelli li joqghod 'Laurijo', Triq Trux, Gharb, Ghawdex.**
**(Karta ta' Identita' numru 397195 M)**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat talli fil-15 ta' Jannar 2003 ghall-habta tat-8:35 p.m. waqt li kien fi Triq id-Dawwara, Victoria, (1) saq vettura Numru AAI 405 b'velocita` eccessiva, (2) naqas li jieqaf fuq 'Stop Sign', (3) b'imprudenza, negligenza u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku habat ma' vettura Numru WIL 015 u kkagunalha hsarat konsiderevoli gahd-dannu ta' William Calleja minn Kecem, (4) barra minnhekk akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok u hin u cirkustanzi kkaguna griehi ta'

natura hafifa fuq il-persuna ta' Franklyn Cauchi u griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Richard Vella li kienu passiggieri go vettura Numru AAI 405 u dan skond kif iccertifika Dr Julian Portelli M.D. ta' l-Isptar Generali, Ghawdex.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija tapplika s-sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan ghal zmien li jidhrilha li hu xieraq.

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat illi minn dak li semghet il-Qorti hija possibbli biss verzjoni wahda ta' kif sehh l-incident. In effetti l-Qorti ser tiskarta dak kollu li qal l-imputat ghaliex huwa biss gideb li jimmerita proceduri separati kontra tieghu. Ma hemm ebda dubju ghal din il-Qorti illi l-imputat kien qed isuq il-vettura tieghu b'mod xellerat, traskurat u deplorevoli meta b'velocita` qawwija baqa' hiereg minn fuq Stop Sign fejn sab lis-sewwieq imputat f'kawza ohra.

L-imputat ried lil din il-Qorti temmen illi kien wieqaf fuq l-istop Sign u meta beda jsuq giet il-vettura l-ohra, habtet fih u qalbitu. Il-verita` hi li hu hareg bla ma waqaf fuq l-istop sign, il-vettura tieghu bir-roti kbar taghha, telghet fuq il-bonnett tal-kwerelant u nqalbet. Anke r-ritratti esebiti minn William Calleja huma xhieda ta' dan.

Ghal dawn l-mottivi ssibu hati ta' l-ewwel, it-tieni u t-tielet akkuzi u tar-raba akkuza kwantu tikkoncerna lil Richard Vella. Tiddikjara l-procediment ezawrit kwantu r-raba akkuza fil-konfront tal-griehi subiti minn Franklyn Cauchi;

Wara li rat l-artikoli 15 (1) (a) u 2 tal-Kap 65, Avviz Legali 94/1969 u 328 (c) u (d) u 226 (1) (b) tal-Kap 9;

Tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' hames mitt lira Maltin (Lm500) u tiskwalifikah milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------